

FTEHIM

tal-21 ta' Diċembru 2006

bejn il-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali ta' l-Istati Membri barra ż-żona tal-euro

li jemenda l-Ftehim tas-16 ta' Marzu, 2006, bejn il-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali ta' l-Istati Membri barra ż-żona tal-euro, li jistabbilixxi l-proċeduri operattivi għal mekkaniżmu tar-rata tal-kambju fit-tielet stadju ta' l-unjoni ekonomika u monetarja

IL-BANK ĊENTRALI EWROPEW (MINN ISSA 'L QUDDIEM 'IL-BĊE') U L-BANEK ĊENTRALI NAZZJONALI TA' L-ISTATI MEMBRI LI HUMA BARRA Ż-ŻONA TAL-EURO (MINN ISSA 'L QUDDIEM 'IL-BĊNi BARRA Ż-ŻONA TAL-EURO' U 'L-ISTATI MEMBRI BARRA Ż-ŻONA TAL-EURO' RISPETTIVAMENT),

Billi:

- (1) Il-Kunsill Ewropew qabel fir-Riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Ġunju, 1997 (minn issa 'l quddiem 'ir-Riżoluzzjoni') biex iwaqqaf mekkaniżmu tar-rata tal-kambju (minn issa 'l quddiem 'l-ERM II') meta t-tielet stadju ta' l-unjoni ekonomika u monetarja beda fl-1 ta' Jannar, 1999.
- (2) Skond it-termini tar-Riżoluzzjoni, l-ERM II huwa mfassal biex jgħin biex jiżgura li l-Istati Membri barra ż-żona tal-euro imma li qed jipparteċipaw fl-ERM II, jidderieġu l-politika tagħhom għall-istabbiltà, jinkoraġġixxi l-konverġenza u b'hekk jgħin om fl-isforzi tagħhom biex jadottaw il-euro.
- (3) L-Islovenja, bħala Stat Membru b'deroga, ipparteċipat mill-bidu fl-ERM II sa mit-28 ta' Ġunju, 2004, u l-Banka Slovenije huwa parti mill-Ftehim tas-16 ta' Marzu, 2006, bejn il-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali ta' l-Istati Membri barra ż-żona tal-euro li jistabbilixxi l-proċeduri operattivi għal mekkaniżmu tar-rata tal-kambju fit-tielet stadju ta' l-unjoni ekonomika u monetarja¹ (minn issa 'l quddiem 'il-Ftehim tal-Bank Ċentrali dwar l-ERM II').
- (4) Skond l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/495/KE tal-11 ta' Lulju, 2006, skond l-Artikolu 122(2) tat-Trattat dwar l-adozzjoni tal-valuta waħdanija mis-Slovenja fl-1 ta' Jannar, 2007,² id-deroga favur is-Slovenja imsemmija fl-Artikolu 4 ta' l-Att ta' l-Adeżjoni 2003³ hija rrevokata b'effett mill-1 ta' Jannar, 2007. Il-Banka Slovenije m'għandux jagħmel aktar parti mill-Ftehim tal-Bank Ċentrali dwar l-ERM II b'effett minn dik id-data u l-Ftehim tal-Bank Ċentrali dwar l-ERM II għandu għalhekk jiġi emendat.
- (5) Minħabba s-sħubija tar-Rumanija u l-Bulgarija fl-Unjoni Ewropea, il-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) rispettivi tagħhom isiru parti mis-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali fl-1 ta' Jannar, 2007. Il-Ftehim tal-Bank Ċentrali dwar l-ERM II għandu għalhekk jiġi emendat.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

¹ ĠU Ċ 73, 25.3.2006, p. 21.
² ĠU L 195, 15.7.2006, p. 25.
³ ĠU L 236, 23.9.2003, p.33.

Artikolu 1

Emendi tal-Ftehim tal-Bank Ċentrali dwar l-ERM II minħabba r-revoka tad-deroga tas-Slovenja

Il-Banka Slovenije m'għandux jagħmel aktar parti mill-Ftehim tal-Bank Ċentrali dwar l-ERM II b'effett mill-1 ta' Jannar, 2007.

Artikolu 2

Emendi tal-Ftehim tal-Bank Ċentrali dwar l-ERM II minħabba s-sħubija tar-Rumanija u l-Bulgarija

Il-Bulgarian National Bank u l-Banca Națională a României għandhom isiru partijiet tal-Ftehim tal-Bank Ċentrali dwar l-ERM II b'effett mill-1 ta' Jannar, 2007.

Artikolu 3

Sostituzzjoni ta' l-Anness II tal-Ftehim tal-Bank Ċentrali dwar l-ERM II

L-Anness II mal-Ftehim tal-Bank Ċentrali dwar l-ERM II huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness ma' dan il-Ftehim.

Artikolu 4

Dispożizzjonijiet finali

- 4.1. Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar, 2007.
- 4.2. Dan il-Ftehim għandu jitħejja bl-Ingliż u ffirmit mill-partijiet. Il-BĊE, li għandu jżomm il-Ftehim oriġinali, għandu jibgħat kopja ċċertifikata ta' l-oriġinal lil kull bank ċentrali kemm taż-żona tal-euro kif ukoll ta' barra ż-żona tal-euro. Dan il-Ftehim għandu jkun tradott fil-lingwi uffiċjali l-oħra kollha tal-Komunita' u ppublikat fis-serje Ċ tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Frankfurt am Main, fil-21 ta' Diċembru, 2006.

Għall-

Bank Ċentrali Ewropew

Għall-

Bulgarian National Bank

Għaċ-

Česká národní banka

Għad-

Danmarks Nationalbank

Għall-

Eesti Pank

Għas-

Central Bank of Cyprus



Għal-

Latvijas Banka

Għal-

Lietuvos bankas

Għall-

Magyar Nemzeti Bank

Għall-

Bank Ċentrali ta' Malta

Għan-

Narodowy Bank Polski

Għall-

Banca Națională a României

Għall-

Banka Slovenije

Għan-

Národná banka Slovenska

Għas-

Sveriges Riksbank

Għall-

The Bank of England

ANNEX

'Annex II

**LIMITI MASSIMI APPLIKABBLI GĦALL-AĊĊESS GĦALL-FAĊILITA' TA'
FINANZJAMENT GĦAL ŻMIEN QASIR ĦAFNA
IMSEMMIJA FL-ARTIKOLI 8, 10 U 11 TAL-FTEHIM TAL-BANK ĊENTRALI**

b'effett mill-1 ta' Jannar, 2007

Banek Ċentrali partijiet ta' dan il-Ftehim	(miljuni ta' EUR)
	Limiti massimi ⁽¹⁾
Bulgarian National Bank	490
Česká národní banka	640
Danmarks Nationalbank	670
Eesti Pank	300
Central Bank of Cyprus	280
Latvijas Banka	330
Lietuvos bankas	370
Magyar Nemzeti Bank	620
Bank Ċentrali ta' Malta	270
Narodowy Bank Polski	1610
Banca Națională a României	950
Národná banka Slovenska	440
Sveriges Riksbank	900
Bank of England	4130
Bank Ċentrali Ewropew	nil

¹ Għall-banek ċentrali li ma jipparteċipawx fl-ERM II l-ammonti indikati huma biss indikattivi.

BĊNi taż-żona tal-euro	Limiti massimi
Nationale Bank van België/Banque Nationale de Belgique	nil
Deutsche Bundesbank	nil
Bank of Greece	nil
Banco de España	nil

Banque de France	nil
Central Bank and Financial Services Authority of Ireland	nil
Banca d'Italia	nil
Banque centrale du Luxembourg	nil
De Nederlandsche Bank	nil
Oesterreichische Nationalbank	nil
Banco de Portugal	nil
Banka Slovenije	nil
Suomen Pankki	nil'